MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tas-16 ta' Jannar, 2008

Numru. 1213/2006

**MAGISTRAT DR. EDWINA**

**IL-PULIZIJA**
**(SPETTUR ALEXANDER GRECH)**

**VS**

**JOSIANNE DIMECH ta' tletin sena mart Carlos bint Carmel Gauci u Emanuela nee' Sciberras, imwielda Attard fil-15 ta' April 1977 u toqghod nru 35 Sqaq il-Barrakka t'Isfel, Valletta dentrici tal-karta ta'l-identita bin-numru 244777(M)**

**Illum**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni li permezz taghha l-imputata Josianne Dimech giet akkuzata talli fit-22 ta' Awissu 2005 ghal habta tat-7:00pm, waqt li kienet fi Triq l-Assedju l-Kbir, il-Belt Valletta

a) b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragini, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghek, jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti filwaqt li kienet qieghda ssuq u/jew kellha il-kontroll tal-vettura bin-numru LCI 108 tal-ghamla Toyota, ikkagjonat offiza ta' natura gravissima fuq il-persuna ta' Claire Ciappara u dana bi ksur ta'l-artikoli 225, 226(1)(a), 218(1)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

b) Talli ikkagjonat hsara fuq il-vettura bin-numru LCI 108 tal-ghamla Toyota ghad-dannu ta' Ronnie Micallef minn Haz Zebbug u hsara fuq il-vettura bin-numru CBA 705 tal-ghamla Isuzu ghad-dannu ta' Paul Curmi minn Santa Venera.

c) Talli saqet l-istess vettura b'manjera traskurata, negligenti u perikoluza.

d) Talli saqet b'sewqan eccessiv

e) Talli saqet fuq in-naha l-hazina tat-triq.

Semghet il-provi;

Rat id-dokumenti esbiti;

Rat l-artikoli tal-ligi mibghuta mill-Avukat Generali fid-29 ta' Mejju 2007;

Semghet illi l-imputata ma ghandhiex oggezzjoni sabiex dana il-kaz jigi trattat bil-procedura sommarja;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi migjuba quddiem il-Qorti, jirrizulta minghajr l-icken dubbju illi l-imputata kienet tahti ghall-incident stradali mertu ta’ dina l-kawza, li sehh fi Triq l-Assedju il-Kbir gewwa il-Belt Valletta, meta ghal xi raguni inspjegabbli il-vettura misjuqa mill-imputat spiccat fuq in-naha l-ohra tat-triq u cioe’ fuq il-karreggjata tat-traffiku gej mid-direzzjoni l-opposta bil-konsegwenza illi sehhet head–on collision mal-vettura misjuqa minn Claire Ciappara. Fil-fatt mill-verbal tas-seduta tas-26 ta’ Marzu 2007, l-imputata iddikjarat illi hija ma kenitx qed tikkontesta l-fatt illi t-tort ghal dana l-incident stardali huwa imputabbli lilha.

Illi l-parti leza Claire Ciappara kienet tqila meta sehh dana l-incident u precisament kellha madwar ghoxrin gimgha tqala. Wara l-incident hija ittiehdet l-isptar San Luqa fejn l-ghada ta’l-incident hija abbortiet it-tarbija li kellha fil-guf.

Illi fl-Inkjesta Magisterjali kienu gew nominati diversi esperti sabiex jigi stabbilit jekk kienx hemm ness bejn il-korriment tat-tarbija u l-incident stradali fosthom Dr. Mario Scerri, bhala tabib forensiku u il-Professur Alfred Cuschieri bhala espert embriologista.

Illi mir-rapporti ta’ l-esperti u anke mix-xhieda tat-tobba li xehdu f’dawn il-proceduri u cioe’ Dr. Carmen Portelli u Dr. Isabel Saliba irrizulta illi fil-gurnata ta’l-incident u cioe’ fit-22 ta’ Awissu 2005, Claire Portelli kellha madwar ghoxrin gimgha tqala. Irrizulta ukoll mill-provi illi sa din il-gurnata t-tqala kienet miexja sew u li ma kien hemm xejn hazin fl-izvilupp tat-tarbija. Illi mill-ezamijiet medici u forensici li saru fuq il-vittma meta iddahhlet l-isptar irrizulta illi ma kien hemm l-ebda *foetal movement* ghalkemm kien hemm *heartbeat*. Dana irrizulta mill-*ultrasound* li sar fuq l-omm hekk kif iddahhlet l-isptar. Dana fisser illi t-tarbija kienet mitluqa, izda kienet ghada hajja. Il-fatt madanakollu illi f’dana iz-zmien ta’ gestazzjoni ma kienx hemm l-ebda moviment mit-tarbija ma kien xejn normali u kien ghalhekk illi l-pazjenta inzammet l-isptar ghall-osservazzjoni. Fil-fatt aktar tard matul il-gurnata is-sinjura Ciappara bdiet tilmenta minn ugiegh u telf ta’ dmija u minn ezmaijiet li

saru irrizulta illi t-tarbija kienet mietet. Dana wassal sabiex Ciappara abbortiet it-tarbija li kellha fil-guf.

Illi Dr. Mario Scerri kemm fir-rapport tieghu li jinsab fl-atti tal-proces verbal kif ukoll fix-xhieda moghtija minnu quddiem il-Qorti, ighid illi meta huwa ezamina lil Ciappara hija kellha diversi griehi li kienu kompatibbli ma’ *seat belt injuries*, b’mod specjali griehi u cioe’ tbengil frisk fuq iz-zaqq. Kien hemm lezjonijiet li kienu kompatibbli ma’ *blunt trauma*. It-tbengila deskritta fuq l-estremita inferjuri tal-lemin kienet friska u kompatibbi ma’ *blunt trauma* u cioe’ ma’ hbit mal-*console* taht id-*dashboard*. Huwa jikkonkludi illi il-mewt tat-tarbija fil-guf hija relatata mat-*trauma* fuq iz-zaqq partikolarment rizultat tal-ghafies tas-*seat belt* fuq iz-zaqq.

Min-naha taghha Dr. Carmen Portelli li kienet it-tabiba kuranti li kienet qed issewgi lil Ciappara meta hija iddahhlet l-isptar tixhed u tghid illi mill-ezamijiet medici li saru kemm fuq l-omm kif ukoll fuq it-tarbija irrizulta illi minhabba l-impatt, l-*placenta* jew is-sekonda iddistakkat ruhha xi ftit. Dana gie stabbilit anke minn ezmaijiet li saru minn fejn irrizulta illi kien hemm ammont kbir ta’ demm tat-tarbija illi kien jinsab fil-*blood circulation* ta’l-omm. Dana x’aktarx ghalhekk wassal ghal korriment tat-tarbija. Inoltre hija tghid illi meta gie esegwit l-*ultrasound* gie innotat illi kien hemm xi demm migmugh bejn is-sekonda u l-hajt ta’l-utru li ukoll huw sinjal ta’ *abruptio placentae.*

Illi Il-Professur Alfred Cuschieri fir-rapport imhejji minnu wara l-ezami li ghamel tal-fetu, jikkonkludi li ma kien hemm l-ebda anomalija fil-fetu u lanqas xi abnormalita fis-sekonda jew il-*placenta* u jidher li kollox kien normali ghal dana il-perijodu ta’ gestazzjoni. Huwa ighid illi mill-ezamijiet li ghamel ma kien hemm ebda sinjal ta’ xi hsara ikkawzata minn trawma jew sinjali ohra ta’ mard (ara konluzjonijiet a fol.35 tal-proces verbal). Illi il-Magistrat Inkwirenti fil-konkluzjonijiet raggunti minnu isostni illi hemm kuflitt bejn l-konkluzjonijiet li wasslu ghalihom l-espert Dr. Mario Scerri u il-Professur Alfred Cuschieri. Din hija wkoll il-linja ta’ difiza ta’l-imputata. Madanakollu l-Qorti ma tara l-ebda kunflitt bejn dawn il-konkluzjonijiet. Illi l-

ghan li ghalih il-Professur Alfred Cuschieri gie nominat fl-Inkjesta Magisterjali kien sabiex jistabilixxi jekk kienx hemm xi *congenital abnormalities* fil-fetu li setghu wasslu ghall-interruzzjoni tat-tqala u ghalhekk ghal mewt tat-tarbija fil-guf. Illi mill-ezamijiet maghmul mill-espert fuq il-fetu jidher illi l-fetu kien wiehed normali ghal perijodu ta' gestazzjoni ta' ghoxrin gimgha u li is-sekonda kienet ukoll normali u li ma kellhom l-ebda sinjal ta' trawma. Dana huwa kompatibbli ma' dak li ikkonkludew it-tobba l-ohra kollha li ighidu illi kemm it-tarbija kif ukoll l-omm kienu normali u li ma kien hemm xejn li seta' iwassal ghal korriment tat-tarbija.

Il-Qorti ghalhekk mill-provi migjuba quddiemha u min ezami tad-dokumenti esebiti hija tal-fehma illi Claire Ciappara abbortiet it-tarbija li kellha fil-guf b'konsegwenza ta'l-impatt qawwi illi sehh fl-incident stradali in kwistjoni u is-*seat belt injuries* illi hija sofriet b'konsegwenza ta' dana l-impatt. Dana wassal ghal distakk bejn il-*placenta* u l-utru li wassal ghal mewt tat-tarbija fil-guf. Fil-fatt Ciappara abbortit ftit wara l-incident awtomobilistiku li kienet involuta fih. Illi huwa ben risaput illi l-iktar kawza komuni ta' mwiet ta' trabi fil-guf fi tqala li tkun wahda avvanzata hija kagun proprju ta' incidenti tat-traffiku u senjatament ta' seat belt injuries. Illi mill-provi prodotti irrizulta car illi l-vittma kellha sinjali qawwija ta' seat belt injury proprju fil-parti ta' taht zaqqha.

Illi dwar l-ahhar erba' akkuzi, dawna ukoll jirrizultaw ippruvati peress illi kif inghad iktar 'il fuq ma huwiex kontestat mill-imputata illi ghal xi raguni inspjegabbli hija qassmet ghal fuq in-naha hazina tat-triq biex b'hekk invadiet il-karreggjata tat-traffiku gej mid-direzzjoni l-opposta u kien minhabba f'dana n-nuqqas da parti taghha il-fatt li sehh l-impatt qawwi mal-vettura misjuqa mill-vitmma. Illi madanakollu kemm ir-raba kif ukoll il-hames akkuzi huma assorbiti fit-tielet akkuza u ghalhekk il-Qorti qieghda issib htija ghar-rigward ta' dina l-akkuza biss ghar-raguni migjuba.

Illi dwar il-piena il-Qorti sejra tiehu in konsiderazzjoni il-fatt ili l-imputata ghandha fedina penali nadifa u ammettiet

ma'l-ewwel ir-responsabbilta' taghha ghall-incident awtomobilistiku mertu ta' dina l-kawza. Madanakollu, l-Qorti ma tistax ma tqisx illi minhabba fis-sewqan minghajr kont ta'l-imputata intilfet hajja ta' tarbija li kienet ghada ser titwieled.

Il-Qorti ghaldaqstant qieghda taqta' u tiddeciedi billi wara li rat l-artikoli 225, 226(1)(a) u 328(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 15(1)(a) u (2) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta ssib lill-imputata hatja ta'l-akkuzi migjuba kontra taghha u tikkundannaha ghal perijodu ta' sitt xhur prigunerija, li fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali dana l-perijodu ta' prigunerija qed jigu sospizi ghal zmien sena mil-lum. Inoltre il-Qorti qieghda tordna s-sospensjoni tal-licenzja tas-sewqan ta'l-imputata ghal zmien tlett xhur mil-lum.

Il-Qorti qieghda twissi lill-hatja skond il-ligi jekk hija tikkometti reat iehor matul il-perijodu operattiv ta' dina s-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------